# L-ewwel sinjali tal-passa tal-għasafar fir-rebbiegħa...ejja ħa ngawdu n-natura!

## BirdLife Malta testendi l-ħinijiet tal-ftuħ tar-riservi naturali tagħha għall-pubbliku, tniedi faċilitajiet ġodda għall-fotografi

Ix-xitwa kiefra li kellna din is-sena waslet biex tispiċċa, u bir-rebbiegħa wara l-kantuniera fejn tista' tgawdi l-ispettaklu li jġib miegħu dan l-istaġun aħjar milli fir-riservi naturali ta' BirdLife Malta?

U fil-fatt, l-ewwel sinjali tal-passa tal-għasafar li jkunu qed jirritornaw lejn l-Ewropa biex ibejtu diġà jinsabu magħna. L-ewwel qtajja' żgħar ta' Ħuttaf diġà bdew jidhru jittajru fuq l-ilma fir-Riserva Naturali tas-Simar, waqt li l-Monakella rritornat fir-Riserva tal-Għadira. Fir-Riserva Naturali tas-Salina, diġà bejjet l-ewwel par ta' Glalez Suwed u ġew osservati wkoll l-ewwel Monakella u l-ewwel qatgħa ta' Rsieset Griżi. Għad hemm ukoll qtajja' kbar ta' diversi speċi ta' gawwi u ċirlew.

Bl-iskop li r-rebbiegħa titgawda bl-aħjar mod, BirdLife Malta se tkun qed testendi l-ħinijiet tal-ftuħ tar-Riservi Naturali tas-Simar u l-Għadira li issa se jiftħu wkoll għall-pubbliku matul il-ġimgħa. Minn nhar it-Tnejn li ġej 11 ta' Marzu l-Għadira se tkun miftuħa waranofsinhar (14:00-18:00) kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Ħamis waqt li s-Simar se tiftaħ (fl-istess ħinijiet) nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa. Tul April u Mejju, qabel ma r-riservi jagħlqu għall-pawsa tas-sajf, il-ħinijiet tal-ftuħ il-ġodda se jiġu estiżi aktar u kemm l-Għadira u anke s-Simar se jibqgħu miftuħin għall-pubbliku fl-istess ġranet tal-ġimgħa għal siegħa aktar, sas-19:00.

Il-ħinijiet tal-ftuħ fi tmiem il-ġimgħa se jibqgħu l-istess: l-Għadira tiftaħ is-Sibt u l-Ħadd waqt li s-Simar tiftaħ kull nhar ta' Ħadd (10:00-16:00 fiż-żewġ każi). Il-ġurnata tas-Sibt fis-Simar tkun riservata għall-attivitajiet, waqt li matul il-ġimgħa kull filgħodu r-riservi se jibqgħu jilqgħu lit-tfal tal-iskola kif jiġri llum. F'dawn il-ħinijiet ikun qed isir ukoll xogħol ta' manutenzjoni fl-Għadira u s-Simar, flimkien ma' ħidma regolari ta' riċerka bħall-*bird ringing*.

Min-naħa l-oħra, ir-Riserva Naturali tas-Salina se żżomm l-istess ħinijiet tal-ftuħ. Ir-riserva tkun miftuħa għall-pubbliku fil-ġranet kollha tal-ġimgħa. Il-viżitaturi jistgħu jimxu tul il-park mingħajr l-ebda xkiel bejn it-Tnejn u l-Ħadd (07:00-20:00 April-Settembru, u 07:00-18:00 Ottubru-Marzu) waqt li ċ-Ċentru tal-Viżitaturi jkun miftuħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u s-13:00. Bl-istess mod il-Foresta 2000 – li wkoll titmexxa minn BirdLife Malta – tibqa' miftuħa 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa. Din ir-riserva hija aċċessibbli s-sena kollha.



Il-Kap Eżekuttiv ta’ BirdLife Malta Mark Sultana kkummenta: “Filwaqt li dawn ir-riservi naturali huma spazji żgħar f’pajjiżna li jagħtu prijorità lill-bijodiversità ta’ dawn l-inħawi, illum qed isir dejjem aktar importanti għal kulħadd li jirrelata man-natura u jgawdiha kemm jista’ jkun. Filwaqt li nħeġġu lill-Maltin biex joħorġu jgawdu l-ambjent naturali b’mod aktar regolari speċjalment tul ir-rebbiegħa, inħeġġu wkoll lill-Gvern biex isib mezzi kif jestendi l-importanza li jagħti lir-riservi naturali anke lil hinn mill-konfini tagħhom sabiex ikun żgurat li l-pubbliku jgħix ħajja aktar b’saħħitha u jgawdi minn kwalità ta’ ħajja aħjar”.

BirdLife Malta hija wkoll kuntenta li qed tħabbar attrazzjoni miżjuda għall-pubbliku fir-Riserva Naturali tal-Għadira. B’effett immedjat qed tiġi introdotta faċilità ġdida li se tagħti ċ-ċans lill-fotografi li jibbukkjaw waħda miż-żewġ ħajds tal-fotografija li għadhom kif inbnew fir-riserva, bl-opportunità unika li jiġbdu ritratti mill-isbaħ. Biex tintuża din il-faċilità ġdida, dak li jkun irid jibbukkja sessjoni ta’ siegħa u se tkun qed tintalab donazzjoni żgħira. Is-*slots* ta’ siegħa għall-użu tal-ħajd tal-fotografija fl-Għadira se jkunu disponibbli t-Tnejn u l-Ħamis bejn is-14:00 u l-17:00 u nhar ta’ Sibt bejn l-10:00 u t-15:00 (kull siegħa). Dawk interessati huma mitluba jibagħtu *email* fuq photography@birdlifemalta.org.

Id-dħul fir-riservi naturali kollha ta’ BirdLife Malta huwa b’xejn, imma napprezzaw donazzjonijiet. Fl-aħħar jiem fir-Riserva Naturali tas-Simar sar xogħol ta’ tiswija wara d-danni li ġarrbet ir-riserva fil-maltempata qawwija tax-xahar li għadda. Saret ħsara konsiderevoli sew f’numru ta’ siġar kif ukoll fiċ-ċentru tal-viżitaturi. Anke s-Salina sofriet xi ħsarat, għalkemm f’dan il-każ ma kinux serji daqs dawk tas-Simar. Dawk li jixtiequ jgħinu billi jagħtu donazzjoni jistgħu jagħmlu dan billi jżuru https://birdlifemalta.org/donate. Nirringrazzjaw lil dawk li diġà kkontribwew wara s-sejħa li għamilna fuq il-midja soċjali.

Bis-saħħa tal-kollaborazzjoni kontinwa tagħna ma’ Transport Malta, dan l-aħħar sar ukoll titjib fis-sinjali tat-toroq li jagħtu għar-riservi li għandu jagħmilha aktar faċli għall-pubbliku biex isib u jasal f’dawn is-siti naturali. Fl-aħħar xhur sar ukoll xogħol ta’ tisbiħ fl-entraturi tar-riservi.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Ħoloq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**
- Ir-Riserva Naturali tal-Għadira
- Ir-Riserva Naturali tas-Simar
- Ir-Riserva Naturali tas-Salina
- Foresta 2000
- Agħti donazzjoni lil BirdLife Malta
- Ingħaqad ma’ BirdLife Malta bħala membru



**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-1bvL3uTaXB (*captions* u *credits* fir-ritratti nfushom)**

1-4. Għasafar li nsibu bħalissa fir-Riservi Naturali ta' BirdLife Malta
5-10. Sinjali ġodda tat-traffiku u titjib fl-entraturi tar-riservi
11-14. Il-ħajd il-ġdida tal-fotografija fl-Għadira
15-18. Ritratti ta' flora u fawna differenti miġbudin mill-ħajd il-ġdida

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/t-9FolV4WpK7 (filmati u muntaġġ ta' BirdLife Malta)**

1. Filmati li juru l-aħjar tar-rebbiegħa 2018 fir-riservi tas-Simar u l-Għadira
2. Filmati mill-ajru tar-Riserva Naturali tal-Għadira u ta' Foresta 2000
3. Ir-Riserva Naturali tas-Salina din ir-rebbiegħa

**Ir-Riservi Naturali ta' BirdLife Malta**
**Ħinijiet tal-ftuħ estiżi għall-pubbliku**

| **Ġurnata** | **Riserva*** | **Marzu** | **April-Mejju** |
|---|---|---|---|
| It-Tnejn | Ir-Riserva tal-Għadira | 14:00-18:00 | 14:00-19:00 |
| It-Tlieta | Ir-Riserva tas-Simar | 14:00-18:00 | 14:00-19:00 |
| L-Erbgħa | - | - | |
| Il-Ħamis | Ir-Riserva tal-Għadira | 14:00-18:00 | 14:00-19:00 |
| Il-Ġimgħa | Ir-Riserva tas-Simar | 14:00-18:00 | 14:00-19:00 |
| Is-Sibt | Ir-Riserva tal-Għadira | 10:00-16:00 | 10:00-16:00 |
| Il-Ħadd | Ir-Riservi tal-Għadira/Is-Simar | 10:00-16:00 | 10:00-16:00 |

***Ir-Riserva Naturali tas-Salina** tkun miftuħa l-ġimgħa kollha (Mit-Tnejn sal-Ħadd)

| | |
|---|---|
| April-Settembru | 07:00-20:00 |
| Ottubru-Marzu | 07:00-18:00 |
| Ċentru tal-Viżitaturi | 09:00-13:00 (Mit-Tnejn sal-Ġimgħa) |

**Faċilità ġdida ta' ħajd tal-fotografija fir-Riserva Naturali tal-Għadira**
***Slots* għall-*booking* (siegħa)**

| | |
|---|---|
| It-Tnejn | 14:00, 15:00, 16:00, 17:00, 18:00 (April-Mejju biss) |
| Il-Ħamis | 14:00, 15:00, 16:00, 17:00, 18:00 (April-Mejju biss) |
| Is-Sibt | 10:00, 11:00, 12:00, 13:00, 14:00, 15:00 |
| Biex tibbukkja | Ibgħat *email* fuq photography@birdlifemalta.org, tintalab donazzjoni żgħira |

